MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Avviz Numru. 51/2015

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali maghmula ai termini ta'**

**l-Artikolu 166A, Nru. 35/13 Fl-ismijiet:**

**Anthony Attard**

**vs**

**Albert Fiorentino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Albert Fiorentino li gie pprezentat nhar il-5 ta' Frar 2015 fejn ippremetta s-segwenti:

*"Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Frar 2013, Anthony Attard ipprezenta ittra ufficjali mertu tar-rikors odjern;*

*Illi nhar is-7 ta' Mejju 2013 l-istess ittra giet reza ezekuttiva. Illi minkejja li l-ittra giet stampata li giet reza ezekuttiva din l-ittra qatt ma setghet tigi reza ezekuttiva stante li:*

1. *L-esponent ma gie qatt nnotifikat bl-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa car kristall li giet ttentata notifika pero' l-Marixxal innotifika lil certu Karl Pace (mhux Alberto Fiorentino) (ara kopja tal-ittra ufficjali u notifika relattiva Dok A anness). L-esponent qatt ma nghata kopja u lanqas ma kellu ebda gharfien dwar l-ezistenza ta' din l-ittra ufficjali;*
2. *Illi oltre dan, l-istess ittra ufficjali Nru. 35/13 ma giet qatt reza ezekuttiva hekk kif tassattivament rikjest mill-Artikolu 166B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kjarament jghid li 'Ittra ufficjali maghmula skond l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu ezekuttiv sakemm ma tkunx giet registrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ghandhom japplikaw ghar-registrazzjoni ta' dawk l-ittri ufficjali bhala titoli ezekuttivi.' Naturalment, l-attur ma setgha qatt jrendi ezekuttiva l-ittra Nru. 35/13 stante li ma kienx hemm notifika lill-esponent.*

*Illi inoltre l-esponent Albert Fiorentino ghandu kull interess illi jikkontesta l-istess ittra ufficjali peress illi ma hux minnu li sselleff dawk l-ammonti jew li ghandu jaghti dawk l-ammonti bl-imghax. L-esponent diga' ghamel rapport kriminali ta' frodi fuq l-atti mertu tal-kawza odjerna u hemm investigazzjoni kriminali ghaddejja.*

*Illi Attard pproceda sabiex johorgu mandat ta' sekwestru minkejja li kien jaf li ma kellux titolu ezekuttiv. Dan id-difett ma jistax jigi ssanat minnu fl-ebda stadju stante li ittra ufficjali qatt ma tista tkun reza ezekuttiva jekk ma tkunx giet notifikata!*

*Illi ghalhekk ma kien hemm l-ebda terminu jiddekorri kontra r-rikorrent sabiex jipprezenta r-risposta tieghu stante li dan qatt ma rcieva n-notifika!*

*Illi l-esponent sar jaf bl-ezistenza ta' l-ittra ufficjali meta rcieva l-atti tal-mandat ta' sekwestru (Dok B hawn anness). Ta' min jghid illi dan gie servut ftit jiem qabel il-Milied u ghalhekk ma setghax jiehu passi immedjati. Illi f'kull kaz l-esponent jemmen illi ghadu fiz-zmien opportun li jintavola s-segwenti rikors minkejja d-disposizzjoni ta' l-artikolu 166(5) tal-Kap. 12 u dan peress illi:*

*(i) L-esponent jemmen illi t-titolu ezekuttiv ta' l-istess appellant kien imsejjes fuq il-fatt illi l-appellant kien ezercita l-qerq u l-frodi u li konsegwentament a bazi tal-principju fraus omnia corrumpit ma kien jezisti ebda titolu ezekuttiv u kull dritt vantat mill-appellant kien null ab initio. Illi jinghad illi l-principju*

*stabbilit fid-dottrina legali taghna huwa illi l-frodi jannulla kull dritt indipendament mill-procedura adoperata.*

*(ii) Il-fatt illi l-esponent qatt ma gie nnotifikat jfisser illi l-istess esponent ghandu l-jedd illi jressaq dan ir-rikors ghall-impunjazzjoni ta' l-ittra ufficjali indipendentement mill-artikolu 166(5) tal-Kap. 12. Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet* ***Anthony vs Christian Lund*** *(155/10 CSH) Appell Inferjuri deciz 26.4.12 (Dok C) hawn anness gie rilevat illi: "...u kif inghad jirrizulta li n-notifika lanqas biss saret. Illi dan ifisser allura li t-terminu indikat fl-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 ma kienx japplika ghaliex ma kien hemm ebda titolu esekuttiv bhala tali kellha tkun registrata skond l-artikolu 166B tal-Kap. 12, u allura t-terminu ndikat fl-istess artikolu ma setghax jibda jiddekorri... Huwa ghalhekk allura li tali terminu indikat fl-artikolu 166A tal-Kap. 12 ma huwiex applikabbli ghall-appellant, u dan ghaliex ma hemmx it-titolu esekuttiv hemm indikat fil-ligi."*

*Ghalhekk ir-rikorrenti qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li tisma lill-partijiet kif trid il-Ligi, tirrexxindi l-effetti ezekuttivi ta' l-ittra ufficjali meritu ta' dan ir-rikors u tiddikjara tali titolu ezekuttiv null u bla effett fil-Ligi."*

Rat ir-risposta ta' Anthony Attard li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar il-5 ta' Marzu 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"Fl-ewwel lok hemm in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti stante li kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent mhix din il-Qorti, izda l-Prim'Awla tal-Qorti Civili stante li l-ammont fl-ittra ufficjali kien jeccedi s-somma ta' €11,646.87. Effettivament l-ittra ufficjali kienet ukoll giet ipprezentata fil-*

*Prim'Awla tal-Qorti Civili kif wiehed jista' josserva mill-kopja taghha li hemm annessa mar-rikors stante li t-talba tal-esponenti kienet ghal €21,899;*

*Fit-tieni lok l-ittra ufficjali kienet giet innotifikata fuq il-post tax-xoghol tar-rikorrent wara li rrizulta lill-esponenti li l-indirizz fejn ir-rikorrent ghandu registrata l-karta tal-identita' mhuwiex l-indirizz fejn kien qed joqghod. Fil-fatt ir-rikorrent baqa' sallum ma ta l-ebda taghrif dwar l-indirizz ta' fejn qed jirrisjedi u fejn ghandu jigi notifikat;*

*Fit-tielet lok in-notifika saret regolarment skont il-ligi fuq il-post ta' fejn jahdem ir-rikorrent. L-ittra ufficjali tant giet f'idejn ir-rikorrent li wara li rceviha, kien hu stess li kkomunika mal-esponenti u talbu biex jissaportih. L-esponenti henn ghalih u tah aktar zmien bit-tama li ser jircievi l-flus. L-esponenti ha passi u pprezenta l-mandat wara li qata' qalbu li ser jigbor lura flusu u wara li r-rikorrenti kien qata' ghal kollox kull mezz ta' komunikazzjoni ta' kif seta' jilhqu l-esponenti;*

*Illi l-ittra saret skont il-ligi, giet innotifikata regolarment tant li min accettaha ghan-nom tar-rikorrent sa halla n-numru tal-karta tal-identita' tieghu, u tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-ligi billi fiz-zmien tan-notifika r-rikorrent kien jinsab jghix hawn Malta, u kien jahdem fil-post fejn gie nnotifikat l-att;*

*Ghaldaqstant m'hemmx lok li t-talba tar-rikorrent tigi milqugha, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Semghet lill-partijiet jitrattaw li m'ghandhomx provi xi jressqu li qed jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti specie li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

1. Illi nhar it-8 ta' Frar 2013 l-intimat odjern kien ipprezenta ittra ufficcjali (fol.3) kontra r-rikorrenti odjern u dan fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn interpellah sabiex fi zmien gimgha minn notifika ta' din l-istess ittra jhallsu s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u disgha u disghin ewro (€21,899) li kienet giet mislufa lilu *brevi manu* fuq medda ta' snin.
2. Illi jidher minn ezami tar-riferta ta' din l-ittra ufficjali esebita a fol. 6 li l-ittra thalliet f'idejn certu Karl Pace fl-indirizz moghti fl-ittra ufficjali u cioe' fl-ufficcju ta' Golden Harvest Manufacturing Co Ltd, Industrial Estate, San Gwann.
3. Illi in segwitu jidher li l-intimat hareg mandat ta' sekwestru bin-numru 1186/14 a bazi ta' din l-ittra ufficjali li fil-fehma tieghu giet reza esekuttiva, u dan fis-17 ta' Dicembru 2014.
4. Illi r-rikorrent odjern fir-rikors promotur tieghu jghid li sar jaf bl-ezistenza ta' din l-ittra ufficjali meta l-istess intimat hareg mandat ta' sekwestru nhar is-17 ta' Dicembru 2014 a bazi taghha u b'hekk gew sekwestrati l-flejjes tieghu.
5. Illi in segwitu r-rikorrent pprezenta dan ir-rikors nhar il-5 ta' Frar 2015 fejn qed jirrileva li l-intimat m'ghandux titolu ezekuttiv peress li l-ittra ufficcjali fuq indikata datata 8 ta' Frar 2013 numru 35/13 qatt ma giet notifikata lilu u

ghalhekk qatt ma setghet tigi reza ezekuttiva u kien ghalhekk li qed jagixxi taht is-**sub inciz (5) tal-Artikolu 166 tal-Kap 12**.

6. Ir-rikorrent jikkontendi wkoll li t-titolu li qed jivvanta l-intimat hu imsejjes fuq qerq u frodi.
7. Illi huwa pprezenta r-rikors promotur fejn qed jitlob lil din il-Qorti tirrexxindi l-effetti ezekuttivi tal-ittra ufficcjali mertu ta' dan ir-rikors.
8. L-intimat minn naha tieghu jikkontendi li fl-ewwel lok din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni stante hija l-Prim'Awla li ghandha tiehu konjizzjoni ta' din it-talba tar-rikorrenti stante li l-ammont imsemmi fl-ittra ufficjali jeccedi s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) u in oltre l-ittra ufficcjali kienet giet prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u fit-tieni lok jikkontendi li n-notifika mhix valida ghaliex ma giex notifikat fir-residenza tieghu u ghalhekk fil-fehma tieghu n-notifika li saret mhix valida u konsegwentement lanqas m'hu validu l-allegat titolu ezekuttiv.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jinghad in primis li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tapplika ghal dejn li ma jkunx jeccedi s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73). Issa skond l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 il-Qorti Inferjuri hi kompetenti sabiex tiddeciedi pretensjonijiet sa l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87). L-Artikolu 166A(1), (2) u (3) ma jipprovdix quddiem liema qorti ghandha tigi pprezentata l-ittra ufficjali u ghalhekk f'dan in-nuqqas stante li l-ammont li qed jintalab fl-ittra ufficcjali jeccedi s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11.646.87), l-intimat odjern ipprezenta l-ittra ufficjali tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta’ kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) l-ammont li ghalih tista’ tintuza din il-procedura.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-intimat kien istitwixxa proceduri fil-konfront tar-rikorrent odjern skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi pprezenta l-Ittra Ufficcjali fir-registru tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar it-8 ta’ Frar 2013 u dan ai termini tas-sub Artikolu 2 tal-Artikolu 166A li jiddisponi bis-segwenti:

“(2) *Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b’avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b’setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b’mod car, taht piena ta’ nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa’, u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba…”*

Issa l-**Artikolu 166A (4)** jistipula f’kaz li d-debitur, f’dan il-kaz ir-rikorrent, ma jwegibx ghad-domanda li saritlu l-istess kreditur ikollu titolu ezekuttiv. Is-sub-artikolu 4 jiddisponi s-segwenti:-

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum minn notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*"

Dan hu proprju dak li qed jikkontendi l-intimat, li la r-rikorrenti ma kienx wiegeb, allura t-titolu tieghu gie rez ezekuttiv.

Illi pero' l-istess disposizzjoni tal-ligi w appuntu s-sub artikolu (5) tal-istess disposizjoni, tipprovdi x'ghandu jsir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wegibx tkun wahda gustifikata. Dan is-sub artikolu jghid hekk:-

"(5) *Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata (sottolinear ta' din il-Qorti) minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-sub artikoli (1), (2) jew (3).”*

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti u kif konfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet ‘**Perit Vassallo et vs Perit Micallef et’** deciza fit-18 ta’ Gunju 2012, tezisti anomalija gurisdizzjonali kostitwita mill-Artikolu 166A (5) ghal kaz fejn jinkiseb titolu ezekuttiv bis-sahha ta’ l-istess artikolu meta s-somma tkun teccedi dik li ghandha kompetenza dwarha l-Qorti tal-Magistrati u cioe’ s-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) bhal fil-kaz odjern. Hu ovvju li ghal dan il-kaz singolari l-legislatur, tajjeb jew hazin, ried jikkonferixxi lill-Qorti tal-Magistrati kompetenza specjali u dan ghaliex ir-rikors sabiex ir-rikorrenti jitlob ir-revoka tat-titolu ezekuttiv irid isir quddiem il-Qorti tal-Magistrati nonostante l-ammont tas-sorte. *Ubi lex voluit, dixit*. Fil-fehma tal-Qorti, il-procedura introdotta bl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 hija procedura specjali hafna fis-sens li qieghda ssir minnflok kawza u ghalhekk il-ligi ghandha tigi segwita rigorozament.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intimat li din il-Qorti m’ghandhiex kompetenza tisma r-rikors odjern ghaliex gie pprezentat quddiemha qed tigi michuda.

Jibqa’ ghalhekk li tigi trattata l-kwistjoni dwar in-notifika ta’ l-ittra ufficcjali li saret lir-rikorrent odjern.

Jidher li l-ittra ufficcjali li giet prezentata fit-8 ta’ Frar 2013 mill-intimat kontra r-rikorrent giet notifikata lill-intimat fil-post tax-xoghol tieghu u cioe’ fil-fond

Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd u dan sehh fit-13 ta' Frar 2013 meta tali ittra thalliet f'idejn certu 'Karl Pace' (fol. 6). Ma jidhirx li hu kontestat il-fatt li r-rikorrent odjern jahdem f'dan il-post ahhari u dan ghaliex ma ressaq l-ebda prova bil-kontra. Inghad biss fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors mill-avukat difensur tar-rikorrent li l-ittra thalliet f'idejn certu Karl Pace u xejn aktar. Qatt ma gie allegat li r-rikorrent ma jahdimx hemm. Illi ghalhekk huwa kompitu ta' din il-Qorti tara jekk tali notifika li thalliet fil-post tax-xoghol tad-debitur kinitx valida jew le u dan ghaliex f'kaz li jirrizulta li n-notifika kienet invalida, allura r-rikorrent odjern kellu jintavola r-rikors odjern fi zmien ghoxrin jum minn notifika ta' l-att li m'hemmx dubju dan ma sarx ghaliex ir-rikors odjern gie ntavolat fil-5 ta' Frar 2015.

Issa kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appelli Inferjuri fis-sentenza '**<u>Angelo Bartolo noe vs Emmanue Zammit'</u>** deciza fit-30 ta' Marzu 2001 ai termini ta' l**-Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12** "*in-notifika ta' att issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lil persuna li lilha l-iskrittura tkun notifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur legali taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha*."

Illi l-ligi ma tezigix li l-att ghandu jithalla f'idejn id-debitur fuq il-post tax-xoghol izda tezigi biss li ghandha tithalla fil-lok fejn jahdem u ghalhekk jikkonsegwi li una volta l-ittra ufficcjali thalliet fi-post tax-xoghol tar-rikorrent allura tali notifika hija valida u tissodisfa r-rekwiziti tal-ligi.

Illi peress li dan ir-rikors sar fuori terminu u cioe' wara ghoxrin jum minn meta r-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficcjali, **il-Qorti qieghda tichad it-talbiet rikorrenti u l-ewwel eccezzjoni tal-intimat izda qieghda tilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat fir-risposta tieghu.**

**L-ispejjez ta' dan ir-rikors a karigu tar-rikorrent.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------